MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 228/2008

***Britannia Financial Services Ltd***

***Versus***

***Sovereign Caterers Ltd***

Il-qorti:
Reġgħet rat ir-rikors ta' *Sovereign Caterers Ltd* tal-20 ta' Frar 2008 u d-dikriet tal-21 ta' Frar 2008; Rat it-tweġiba; Rat id-dokumenti u l-atti kollha relativi;
Rat illi l-art. 253(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi huwa titolu esekuttiv kuntratt riċevut minn nutar pubbliku meta dak il-kuntratt "huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq", u ma huwiex meħtieġ illi l-kuntrat ikun ħoloq id-dejn jew li bil-kuntratt tkun saret novazzjoni; biżżejjed illi jkun hemm għarfien tad-dejn;
Rat illi l-kuntratt tal-31 ta' Jannar 2006 fl-atti tan-Nutar Liza Camilleri huwa "dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq",

b’għarfien ta’ dak id-dejn, u għalhekk huwa titolu esekuttiv:
Għalhekk tiċħad it-talbiet magħmula bir-rikors tal-20 ta’ Frar 2008, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------